

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali “ROD” – Trade mark Komunitarja Nru 5 694 989

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* proċedimenti ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Diċembru 2014, fil-Każ R 281/2014-5

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-UASI tat-22 ta' Novembru 2013;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 65(2) moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur ta' forma proċedurali sostanzjali – ksur tar-Regoli 39(3) u 37(b)(ii) tar-Regolament Nru 2868/95.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Frar 2015 – Tronios Group International vs UASI – British Sky Broadcasting Group (SkyTec)**

(Kawża T-77/15)

(2015/C 118/51)

*Lingwa tar-rikors:* l-Olandiż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Tronios Group International BV (Breda, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: R. van Leeuwen u H. Klingenberg, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* British Sky Broadcasting Group plc (Isleworth, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* Tronios Group International BV

*Trade mark ikkontestata:* Trade mark Komunitarja verbali “SkyTec”

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* Proċedimenti ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Novembru 2014 fil-Każ R 1681/2013-4

#### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba ta' invalidità ta' British Sky Broadcasting Group;
- tikkundanna lill-British Sky Broadcasting Group għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u għall-ispejjeż tal-proċedimenti preċedenti quddiem l-UASI.

#### **Motiv(i) invokat(i)**

- Ksur tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### **Rikors ippreżentat fit-18 ta' Frar 2015 – Olympus Medical Systems vs UASI (3D)**

**(Kawża T-79/15)**

(2015/C 118/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Olympus Medical Systems Corp. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: A. Ebert Weidenfeller u C. Opatz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark figurattiva li tinkludi l-element "3D" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 598 538

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Diċembru 2014 fil-Każ R 1708/2014-2

#### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

### **Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2015 – Facchinello vs UASI – Olimpia Splendid (Synthesis)**

**(Kawża T-81/15)**

(2015/C 118/53)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

#### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Danila Facchinello (Molinella, l-Italja) (rappreżentant: F. Torlontano, avukat)